KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 438 (8-66)

It-Tlieta 27 ta' Ġunju 2023 fit-3.00 ta' filgħaxija b'urġenza.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza online.

PREŻENTI

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)
Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace

ASSENTI
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

F’din il-laqgħa ġie mistieden jattendi il-Perit tal-Kunsill bħala espert tekniku.

**438.1 Proposta tat-Traffiku – Triq is-Siġġiewi**

Is-Sindku preżenta l-pjanta tal-arranġament tat-traffiku fi Triq is-Siġġiewi preparara mill-perit tal-Kunsill. Din il-pjanta kienet diġa mibgħuta lill-Kunsilliera biex ikunu preparati u jkunu jistgħu iressqu l-kummenti tagħhom fil-laqgħa.

Il-Perit qal li Transport malta kienet irrakkomandat li jkun hemm parking parallel mal-bankina fi Triq Papa Pawlu VI. Huwa qal li b’hemm ser jintilfu diversi parkeġġi. Huwa qal li f’każ li l-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor, ir-responsabilta’ taqa’ f’idejn il-Kunsill.

Is-Sindku qal li fiż-żona diġa hemm nuqqas kbir ta’ parkeġġi u l-Kunsill ma jistax joħloq iktar i konvenjent lir-residenti.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li din diġa ġiet diskussa u deċiża mill-Kunsill f’Seduta preżedenti li l-parkeġġi jerġgħu isiru kif qegħdin fil-preżent, li filfatt u anka peress li t-triq qegħda one way, il-wisa tat-triq hija biżżejjed biex jgħaddi t-traffiku. Il-Kunsillier Borg qal li wara li ra l-pjanta tal-pjan propost qed iressaq dawn l-osservazzjonijiet:

- Il-kantuniera ta’ Triq Papa Pawlu Vi ma’ Triq Sta. Margerita hemm il-ħwienet eżistenti u għalhekk irid jiġi kkunsidrat li jieqfu vannijiet tad-delivery biex iħottu. Jekk ma jkunx hemm spazju dawn ser jieqfu fin-nofs tat-triq. Jissuġġerixxi li l-parking jikber u idur li joqgħod vann jew vettura ikbar.

- Triq Papa Pawlu VI fil-pjanta tidher two-way mentri din hija direzzjoni waħda lejn triq Santa margerita u għandha tibqa tali.

- Il-pavimentar mar-roundabout fin-nofs, fl-opinjoni tiegġu irid ġafna manutenzjoni meta tqis li dan ser jintrfes minn vetturi goffi, u għalhekk jirrakkomanda li jsir xi materjal ieħor, eżempju concrete jew asphalt ikkulurit biex ikun hemm distinzjoni.

- Il-qisien tal-pjanta kif proposta jidher li mhuxmhiex fattwali mal-post kif qiegħed u jista jkun hemm iktar spazju ta’ parkeġġi f’ċertu postijiet.

- Issuġġerixxa li l-marki tat-traffiku isiru b’thermoplastic biex iservu iktar.

Il-Kunsillier Kurstein Sant wera l-prejokkupanzjoni teigħu għall-vetturi li jkollhom jirriversjaw fir-roundabout biex joħorġu mill-parkeġġ.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li minn hemm jgħaddi t-trasport pubbliku u anka transport tal-iskola u vetturi kbar u allura rridu nassiguraw turning circle adekwat. Seemiet ukoll il-prejokkupazjoni tagħha jekk jitnaqqsu l-parkeġġi.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandha tingħata time-frame lill-perit biex l-emendi tal-pjanta isiru mingħajr iktar dewmien, jiġu ċirkolati lill-Kunsilliera anka permezz ta’ email, approvati u jintbagħtu minnufiħ għall-approvazzjoni tal-entita biex ix-xogħol minn Infrastructire Malta jibqa għaddej.

Is-Sindku talab li il-punti kollha mressqa jgħaddu għand il-Perit tal-Kunsill biex isiru l-emendi neċessarji u jkompli l-proċess. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-Seduta spiċċat fl-4.00pm.

Konfermati, illum 3 ta' Lulju 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv